# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2019**

**Numru 25**

**Rikors numru 220/13AL**

**Dorianne Sammut**

**v.**

**Charles Sammut**

Dan hu appell maghmul mill-attrici minn sentenza parzjali moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fil-25 ta' April 2017 li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-talba tal-konvenut skont l-Artikolu 55 tal-Kodici Civili u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet konjugi Sammut b'effett mill-jum li dik is-sentenza tghaddi f'gudikat; bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

Is-sentenza appellata taqra hekk:

"Il-Qorti għandha quddiemha talba mressqa minn Charles Sammut sabiex, qabel ma tingħata s-sentenza finali ta' separazzjoni personali, tiġi terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Sewwasew, ir-rikorrent jitlob lill-Qorti sabiex tilqa' s-sitt talba tal-attriċi kif tirriżulta fir-rikors ġuramentat tagħha u s-sitt talba tiegħu kif tirriżulta mill-kontro-talba relattiva tiegħu. Illi dawn it-talbiet tal-partijiet, oltre x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, jitolbu wkoll id-diviżjoni u l-assenjazzjoni tagħha.

"L-istess Charles Sammut diġa ressaq l-istess talba permezz ta' rikors iddatat il-5 ta' Settembru 2014, liema talba l-Qorti kienet f'dak l-istadju ċaħdet permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Mejju 2015[1]. Illi r-raġuni primarja għal din iċ-ċaħda kienet il-fatt li l-ġbir tal-provi rigwardanti l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti kien għadu fi stat bikri u għalhekk il-Qorti kienet tal-fehma li kien immatur li tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet f'dak l-istadju.

"FATTI

"Permezz tar-rikors aħħari tiegħu ippreżentat fit-22 ta' Marzu 2017, ir-rikorrent Charles Sammut, jisħaq li f'dan l-istadju m'hemm xejn xi jwaqqaf lil din il-Qorti milli tilqa` din it-talba tiegħu u dan stante illi l-provi dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti nġiebu, tant hu hekk, li l-attriċi Dorianne Sammut lesta li tasal għal separazzjoni bonarja. Isostni li filwaqt li l-partijiet qablu dwar il-likwidazzjoni tal-akkwisti, għad għandhom nuqqas ta' qbil rigward il-manteniment tal-attriċi għaliha personali u wkoll ma jaqblux kif għandhom jinġabru t-tfal għall-aċċess.

"Illi l-intimata, permezz tar-risposta tagħha tat-3 t'April 2017, issostni illi hija ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat jekk il-komunjoni tal-akkwisti tiġi xolta f'dan l-istadju. Hija ssostni li l-konvenut qed jaħbi l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, jipperċepixxi diversi pagamenti minn kirjiet tal-komunjoni tal-akkwisti u ħlasijiet tal-vetturi li jinsabu fuq *hire purchase agreement*. Illi di piu`, l-konvenut qed jirrisjedi fid-dar matrimonjali, mhux qiegħed iħallas il-manteniment lill-esponenti u lanqas l-ispejjeż tal-edukazzjoni t'uliedhom minuri. Targumenta illi jekk it-talba tar-rikorrent tintlaqa' ċertament ser ikun hemm konfużjoni bejn l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti u dak li ser ikun qed jipperċepixxi r-raġel waħdu;

"PRINĊIPJI LEGALI: LIĠI U ĠURISPRUDENZA

"Il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta' sabiex f'kull żmien matul is-smigħ tal-

[1] Fol. 1968

kawża ta' firda, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata. Dana jistipula:

> ***"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin."***

"Din il-Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitlu 16 illi jistipula:

> ***"(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."***

"Il-Qorti tilqa' l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn fis-sentenza Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs. Michael Lowell[2] intqal *"Fil-fehma tal-Qorti, l-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti huwa maqsum primarjament f'żewġ stadji. Fl-ewwel stadju, l-Qorti teżamina jekk l-oġġezzjoni jew l-oġġezzjonijiet imressqa humiex oġġettivament rilevanti għall-finijiet stretti tal-artikolu 55 sub-inċiż 4. F'każ li l-oġġezzjoni tissupera l-ewwel għarbiel, jeħtieġ li l-Qorti tgħaddi sabiex tevalwa l-provi u s-sottomissjonijiet imressqa sabiex tiddeċiedi jekk l-oġġezzjoni, oġġettivament rilevanti, hiex sorretta mill-provi u allura jekk l-intimata ippruvatx sodisfaċentement illi fl-ewwel lok ser tbati preġudizzju u fit-tieni lok, dejjem jekk jirriżulta preġudizzju, jekk tali preġudizzju hux proporzjonat jew le."*

"Eżami tal-artikolu 55(4) juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni għal sentenza in parte għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub-inċiż 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "preġudizzju mhux proporzjonat". Dana ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet Jael Cassar vs. Robert Cassar[3] u wkoll fil-kawża fl-ismijiet Martin Bezzina Wettinger vs. Michella Bezzina Wettinger[4].

"Din il-Qorti ssegwi wkoll l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn ġie ddikjarat illi l-preġudizzju mhux proporzjonat għandu jiġi ppruvat minn min jallegah u dana ai termini tal-prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li min jallega jrid jipprova ossia illi l-oneru tal-prova *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.

---

[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-20 t'Ottubru 2015 (Rikors Numru 139/12 RGM)

[3] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-3 ta' Diċembru 2013, (Rikors Numru. 212/2009/2 RGM)

[4] Rikors Ġuramentat 256/14AL

"Fil-fatt, b'sentenza mogħtija fl-ismijiet Daniela Mizzi vs. Duncan Peter Mizzi[5] il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi:- *"In tema legali jingħad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbażata t-talba attriċi, jagħti l-fakolta' lil parti jew oħra li "f'kull żmien: matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata li tkun teżisti bejn il-konjuġi…….t-talba għall-waqfien m'għandiex tingħata jekk parti tkun ser issofri "preġudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwiżit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-prinċipju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

"APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI FIL-KAŻ ODJERN

"In vista tal-liġi u tal-ġurisprudenza li qed issir referenza għaliha, din il-Qorti fl-ewwel lok, sejra tikkonsidra jekk ir-risposta ppreżentata mill-intimata tikkonsistiex f'oġġezzjonijiet relevanti ai termini tal-Artikolu 55(4) ġja ċċitat u konsegwentement jekk possibilment jiġġustifikawx iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrent għall-waqfa tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet. Il-Qorti hija tal-fehma illi l-oġġezzjonijiet tal-intimata huma kollha relevanti ai fini tat-talba odjerna u għaldaqstant sejra tgħaddi sabiex teżamina jekk l-istess oġġezzjonijiet effettivament jiġġustifikawx iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

"Jirriżulta mill-ġjurisprudenza ċċitata u mil-liġi kif mistqarra, illi l-intendiment tal-leġislatur hija illi l-Qorti f'dan l-istadju sempliċiment twaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet mingħajr ma tiddividiha u tassenjaha f'dan l-istadju. Illi għalhekk, minkejja l-mod kif inhi dedotta t-talba tar-rikorrent fir-rikors odjern, il-Qorti, bis-saħħa tal-preżenti, bl-ebda mod mhi ser taqsam u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet. Il-Qorti ser tkun qiegħda tikkonsidra **biss** ix-xoljiment tagħha. Il-qasma u l-assenjazzjoni tagħha jibqgħu materji biex jiġu deċiżi sussegwentement mas-sentenza definittiva.

"Bħala regola, il-Qorti għandha xxolji l-istess komunjoni tal-akkwisti, salv għal dawk il-każi eċċezzjonali fejn jiġi sodisfaċentement ippruvat illi l-waqfien ser iġib miegħu preġudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-oħra.

"Fil-każ in eżami, il-Qorti rat illi l-kawża ilha li ġiet intavolata mit-22 t'Ottubru 2013; Illi sal-lum inġabru għadd sostanzjali ta' provi fuq talba tal-attriċi għalkemm illi jidher illi għad baqagħlha diversi xhieda xi tressaq u dan skont in-nota tagħha tal-31 ta' Jannar 2017[6]; Rat illi minkejja li l-attriċi għadha m'għalqitx il-provi, hija għandha stampa ċara tal-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwsiti sal-lum viġenti bejn il-partijiet kif jirriżulta min-nota tagħha ddatata l-4 ta' Novembru 2016[7]. Illi

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-28 ta' Marzu 2014 (Appell Ċivili Numru. 257/2011/1)
[6] Fol. 2594
[7] Fol. 2386 et seq.

għaldaqstant, hija fehma tal-Qorti illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju m'huwiex ser jarreka ebda preġudizzju mhux proporzjonat lill-intimata f'dan ir-rigward;

"Dwar l-ilment tal-intimata illi jekk it-talba tar-rikorrent tintlaqa', allura huwa ser ikun jista' jaħbi assi tal-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti hija tal-fehma li dak li qed tibża' minnu l-intimata ma jseħħx bħala konsegwenza li l-komunjoni tal-akkwisti tiġi terminata. Ir-rikorrent jista' jipprova jaħbi dak li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet sia jekk dina tiġi terminata u sia jekk le. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-pożizzjoni tal-attriċi fir-rigward ta' tali lment, mhix ser tiddgħajjef bil-fatt li l-komunjoni tiġi terminata.

"Kif intqal ukoll fis-sentenza ġia ċċitata Lowell vs. Lowell: *"Appena huwa neċessarju jingħad illi l-pretensjonijiet tal-intimata fil-konfront tar-rikorrent dwar fondi li allegatament żamm moħbija minnha mhux ser ikunu kawtelati billi l-partijiet jinżammu marbutin b'reġim ta' komunjoni tal-akkwisti iżda billi tieħu dawk ir-rimedji kawtelatorji li l-liġi tpoġġi għad-disposizzjoni tagħha".*

"Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza fl-ismijiet Josephine Mifsud vs. Mario Mifsud[8] fejn il-Qorti rriteniet illi l-biża li bit-terminazzjoni tal-komunjoni, l-konvenut ser ikun jista' aktar faċilment jaħbi assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti *"ma jikkwalifikax bħala preġudizzju mhux proporzjonat. Il-biża' tal-attriċi jista' jiġi indirizzat b'atti kawtelatorji li hija għandha għad-disposizzjoni tagħha. Il-kawża ilha pendenti mis-sena 2012 u għalhekk l-attriċi gia' kellha kull opportunita' li tressaq provi fir-rigward u tieħu l-azzjonijiet kawtelatorji kollha għaliha disponibbli."*

"Inoltre din il-Qorti dejjem ikkunsidrat[9] illi dak li sal-lum huwa formanti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa` hekk sakemm ikun hemm ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u d-deċiżjoni dwar il-qasma tal-proprjeta` tal-partijiet. Dana qiegħed jingħad għaliex din il-Qorti tara li dak li qed jitlob ir-rikorrent huwa biss li l-istess komunjoni tal-akkwisti tieqaf u ma tibqax fis-seħħ. Dan huwa konformi mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn ġie ritenut illi: *"Il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda preġudizzju għas-sehem tal-attriċi mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, għax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi għal futur u mhux għal dawk l-assi li diġa` daħlu u qegħdin fil-komunjoni* ***anke jekk ad insaputa tal-attriċi.****"*[10][11]

"Illi inoltre, l-attriċi fl-argomenti tagħha, ma tikkunsidrax illi l-konvenut jista' jkun qed jgħabbi l-komunjoni tal-akkwisti bid-djun u għaldaqstant,

[8] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' Ottubru, 2014 (Rikors Numru. 133/2012/3RGM)
[9] Eżempju: Grima Christopher vs. Grima Liliana, Rikors Ġuramentat 85/2011AL u wkoll Edwin Aquilina vs. Rita Aquilina, Rikors Ġuramentat: 271/15AL
[10] Lowell vs. Lowell *supra*
[11] Enfasi ta' din il-Qorti

huwa fl-interess tal-istess intimata illi ma jkunx possibbli għall-partijiet illi jgħabbu l-komunjoni bi djun mingħajr il-konsapevolezza tal-parti l-oħra. Kif stqarret l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża ċċitata *supra* Mizzi vs. Mizzi, ġie konsidrat li t-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser iġib benefiċċju inkwantu jevita li xi parti jew oħra tagħmel xi dejn li 'l quddiem ikun jista' jiġi imputat lill-komunjoni. Bl-istess mod, f'dan il-każ, it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjuġi Sammut, oltre li mhux ser jikkawża preġudizzju mhux proporzjonat lill-intimata, anzi jista' jservi wkoll ta' benefiċċju għaliha, stante illi żewġha ma jkunx jista' jgħabbi l-komunjoni bid-djun ad insaputa tagħha.

"In vista, li sija l-attriċi u wkoll il-Qorti f'dan l-istadju għandhom ideja iktar ċara tal-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-konjuġi Sammut, b'differenza mill-ewwel darba li ġie intavolat l-istess rikors, il-Qorti ma qed tara l-ebda ħtieġa li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet tibqa' in vigore millum 'il quddiem.

"Jibqgħu impreġudikati l-pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin, mertu tal-kawża ta' separazzjoni personali bejniethom.

"**DEĊIDE**

"Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent hekk kif dedotta fir-rikors tiegħu datat it-22 ta' Marzu 2017 **limitatament** billi tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet konjuġi Sammut *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana b'effett mill-jum illi din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

"Bl-ispejjeż dwar din is-sentenza jiġu deċiżi mas-sentenza finali.

"Ir-rikorrent għandu a spejjeż tiegħu jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza u dan fiż-żmien xahar millum."

Huwa allura evidenti li din il-Qorti trid tara jekk il-gudizzju li ghamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-pregudizzju o meno illi ssofri l-attrici b'dik id-decizjoni huwiex wiehed li ghandu jkun ikkonfermat.

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex, qabel ma tingħata s-sentenza finali ta' separazzjoni personali, tiġi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-

imsemmi Artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jagħti l-fakolta` lill-Qorti sabiex f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata, billi jistipula:

> "(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin."

Il-Qorti trid kif gia` issemma, allura neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan ai termini tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitlu 16 illi jghid:

> "(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."

Bazikament l-aggravji tal-appellanti huma fis-sens li l-appellat qed jaghmel diversi "manuvri" biex jahbi l-introjtu li ghandu min-negozju tieghu u li qed jaghmel manuvri ohra biex hija ma tippercepix dak li hu dovut lilha bil-qasma tal-komunjoni.

Fis-sentenza ricentissima taghha fl-ismijiet **Darmanin utrimque (14 ta' Marzu 2019)** din il-Qorti qalet hekk;

*Din il-Qorti tirrileva li l-kwistjoni tal-qligh tal-attur minn negozju, flimkien mal-allegazzjoni … tal-konvenuta li hu qed jahbi parti minn dan il-qligh, hija materja li ghandha tigi ezaminata fl-ambitu tas-separazzjoni personali u huwa irrelevanti jekk il-komunjoni tal-akkwisti titwaqqafx f'dan l-istadju jew le ghax il-konvenuta ghad ghandha l-opportunita` li tressaq provi fir-rigward fil-proceduri tas-separazzjoni. Din il-Qorti tirribadixxi li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jirreferi ghall-futur u mhux ghal passat u, minkejja li dak li z-zewg partijiet qed idahhlu mix-xoghol taghhom s'issa hu tal-komunjoni, l-istess huwa tal-komunjoni kull dejn li talvolta jistghu jaghmlu. Ghalhekk anke minn din il-perspettiva ta' dejn, il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti mhux talli ma jippregudikax lill-konvenuta talli jaf ikun ta' beneficcju ghaliha ghax mid-data tal-waqfien tal-komunjoni 'l quddiem hi ma tkunx responsabbli ghad-dejn li talvolta jista' jaghmel l-attur.*

Gie ukoll ritenut minn din il-Qorti illi, : "*Il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda preġudizzju għas-sehem tal-attriċi mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, għax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi għal futur u mhux għal dawk l-assi li diġa` daħlu u qegħdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-*

*attriċi."* **(Lowell utrimque, 20 ta' Ottubru 2015).** Huwa evidenti li dawn il-brani japplikaw perfettament ghall-kaz in ezami.

Fi kliem iehor il-pregudizzju irid ikun sproporzjonat fis-sens li mhux **kull** pregudizzju jaghti lok ghal cahda ghat-talba in kwistjoni. Huwa evidenti ukoll li l-ghan tal-legislatur, certament konxju kemm jistghu jitwalu vertenzi simili, kien li tieqaf kemm jista' jkun malajr il-komunjoni tal-akkwisti biex ghallinqas f'dan l-aspett, il-partijiet ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatament gialadarba l-konvivenza bejniethom mhijiex aktar possibli. L-appellanti gia kellha erba' snin qabel id-decizjoni appellata (u issa sitt snin) biex tressaq il-provi taghha u din il-Qorti hija konsapevoli ukoll ta' kemm idumu ghaddejjin dawn il-vertenzi hafna drabi minhabba lusingar tal-partijiet biex iressqu l-provi kollha taghhom. F'dan is-sens il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **Gatesy vs Gatesy (30 ta' Settembru 2016**) fejn intqal illi;

> ".. it is this Court's view that the excessively and objectively unjustified delay on part of the plaintiff in concluding her evidence is delaying unnecessarily the progress and the eventual closure of the proceedings. There is no doubt that this very long delay is making it impossible for defendant to conclude and settle his financial affairs vis-à-vis plaintiff who at present, notwithstanding her initial request for the cessation of those acquests and the personal separation from defendant, is still entitled to half the earnings of defendant as well as to half of his assets. In these circumstances, rejecting defendant's request would cause him prejudice in terms of the sub-article aforementioned."

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-appell interpost mill-attrici u tikkonferma s-sentenza appellata; l-ispejjez tal-Ewwel Istanza jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali izda dawk tal-appell ikunu a kariku tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr